MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2006

Numru 540/2005

**Il-Pulizija**
(Spettur Josric Mifsud)

**Vs**

Kevin Pepe

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-imputat Kevin Pepe ta’ karta ta’ identita’ 379974(M), akkuzat talli:

Nhar it-18 ta’ Gunju, 2005, gol-Qawra ghal habta tat-tmienja ta’ fil-ghodu,

a) seraq Cross Cutter li jiswa’ aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100.00) ghad-detriment ta’ Michael Attard liema serq huwa aggravat bil-valur tal-haga misruqa, u bil-persuna.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni huwa baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa mixli b'serq aggravat bil-valur u l-persuna. Wara li semghet it-trattazzjoni fuq il-piena u kkonsidrat l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat, billi mic-cirkostanzi, mhiex tal-fehma li ghandha tapplika piena ta' prigunerija effettiva, qeghdha ghalhekk, wara li rat l-Artikolu 261(c)(d), 267, 268, 279, 280(2) tal-Kap 9, tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat f'perjodu ta' sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------